MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru. 931/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagisr)**

**vs**

**Habib Kamali ta' 25 sena, nazzjonalita Iranjana, iben eznallah u Roghaye nee` Imani, imwieled Iran nhar is-17 ta' Dicembru, 1987 u residenti Karaj Iran u detentur tan-numru tal-identita` 21676**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fitt-23 ta' Settembru, 2013 f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport Rumen jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport Rumen li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Ionut Adrian Bragu bin-numru 11403713 (Kap. 61, Art 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel fasifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9. Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi dokumenti jew vera kopja ta' xi dokumenti jew registrazzjoni maghmula skond l-Atta dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 Art. 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perjodu ta' sena priguneri li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------